**235. L-Onor Joe Debono Grech ippropona illi:-**

Minħabba li fis-seduta tal-Kamra tad-Deputati ġie mqiegħed fuq il-Mejda ta’ l-istess Kamra, l-Avviż Legali Nru 129 ta’ l-2001 – Att dwar l-Awtorita’ Marittima ta’ Malta (Kap 352) – Regolamenti TA’ l-2001 dwar Bastimenti Żgħar, liema regolamenti qed isiru bis-setgħat mogħtija bl-artikoli 28, 29 u 52 ta’ l-Att dwar l-Awtorita’ Marittima ta’ Malta u dan mill-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni, wara konsultazzjoni ma’ l-Awtorita’ Marittima ta’ Malta u bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi;

- Billi dawn ir-regolamenti qegħdin jistabbilixxu sistema ta’ reġistrazzjoni ta’ bastimenti żgħar, reġistrazzjoni ta’ *speed boats* u opri oħra tal-baħar u peress li dawn ir-reġistrazzjonijiet iridu jitħallsu, inkluż il-liċenzja tal-baħar u reġistrazzjoni ta’ l-istess opra tal-baħar, liema drittijiet li għandhom jitħallsu ivarjaw minn ħmistax-il lira għal ħames mitt lira inklużi biċċa tal-baħar mingħajr makna li ma taqbiżx it-3.6 metri tul trid titħallas ukoll Lm25 reġistrazzjoni u meta jkollha makna ta’ iżjed minn 10HP iżda mhux aktar minn 20HP trid titħallas reġistrazzjoni ta’ Lm200, meta l-makna tkun aktar minn 25HP iżda mhux aktar minn 50HP ir-reġistrazzjoni li trid titħallas hija ta’ Lm250, u r-reġistrazzjoni tibqa’ togħla gradwalment sa Lm500 fil-każ li l-makna ta’ l-opra tal-baħar ikollha qawwa ta’ iżjed minn 150 HP fejn trid titħallas reġistrazzjoni ta’ Lm500;

- Billi kull tiġdid fir-reġistrazzjoni fis-sena hija ħmistax-il lira għal bastiment bla makna u tibqa’ togħla meta jkun hemm makna sa sittin lira fis-sena f’każ li jkun hemm makna ta’ aktar minn 150 HP;

- Billi liċenzja tal-baħar biex tinsaq *speedboat* hija għaxar liri u dik tal-baħar ta’ għalliem ta’ l-i*skiing* tletin lira u inkluż liċenzja fis-sena biex titmexxa skola ta’ l-i*skiing* hija mhux anqas minn ħamsa u sebgħin lira fis-sena;

- Billi dawn iż-żidiet esaġerati fil-ħlasijiet ta’ liċenzji u reġistrazzjonijiet ta’ opri tal-baħar li ħafna minnhom huma dawk użati min-nies ta’ dħul medju jew anqas, huma fihom infushom forma oħra ta’ taxxa indiretta liema taxxa kif indikata b’dan l-avviż legali ma ssemmiet imkien fid-diskors tal-budget għas-sena 2001 ta’ l-istess Ministru tal-Finanzi li bi ftehim mal-Ministru għat-Trasport u Komunikazzjoni qed isiru dawn ir-regolamenti;

- Għal dawn ir-raġunijiet u raġunijiet oħra li żgur li se jiġu ttrattati f’dibattitu serju f’dan il-Parlament u dan billi skond l-artikolu 11 ta’ l-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kap 249 – Regolamenti li jsiru taħt xi liġi għandhom jitqiegħdu fuq il-Mejda tal-Kamra tad-Deputati u jekk fi żmien 28 jum wara li jiġu hekk imqiegħda, il-Kamra tirrisolvi li għandhom jiġu annullati jew emendati dawn għandhom minnufih jieqfu mis-seħħ jew jekk jiġu hekk emendati skond il-każ bla ħsara għall-validita’ ta’ kull ħaġa li qabel tkun saret bis-saħħa tagħha jew għal għemil ta’ regoli, regolamenti jew leġislazzjoni sussidjarja oħra ta’ dik ix-xorta; u

- Għal dawn ir-raġunijiet kif issa indikati din il-Kamra jidhrilha li r-regolamenti fuq imsemmija u in partikolari dawk li huma mfissra taħt l-ewwel skeda (regolament 12) ta' l-Avviż Legali Nru 129 ta' l-2001 m'għandhomx jiġu fis-seħħ.

Għaldaqstant dan il-Parlament jirrevoka, iħassar u jannulla l-Avviż Legali Nru 129 ta’ l-2001.

13.06.2001